# KUNSILL LOKALI ISLA

# IR-RABA' KUNSILL

# LAQGĦA NUMRU TMINTAX

Il-Kunsill Lokali Isla ltaqa' fl-Uffiċċju Ewlieni tal-Kunsill Lokali li jinsab fi Triq San Ġużepp, Isla nhar il-Ġimgħa 25 t'April, 2003 fit-3.00pm .

| | | | |
|---|---|---|---|
| Membri Preżenti: | Joseph Casha | - | Sindku |
| | Walter Ahar | - | Viċi Sindku |
| | Charmaine Gerada | - | Kunsillier |
| | Mario Mizzi | - | Kunsillier |
| | Reno Chircop | - | Kunsillier |
| Uffiċjal Preżenti: | Alphonse Zammit | - | Segretarju Eżekuttiv |
| Udjenza : | Xejn | | |

**AĠENDA**

1) Approvazzjoni tal-Minuti mis-Sindku billi jiffirma li huma korretti.
2) Kommunikazzjoni mis-Sindku.
3) Jum l-Isla.
4) Triq San Pietru u San Pawl - Żonqor.
5) Aċċess taħt l-Arloġġ.
6) Daħla ta' l-Isla.
7) SUġġerimenti Laqgħa Pubblika Lokali.
8) Ilmenti mir-Residenti.

## 18 (1) Approvazzjoni tal-Minuti mis-Sindku billi jiffirma li huma korretti.

18.(1).1 Saru dawn il-korrezzjonijiet fil-Minuti tas-Sbatax il-laqgħa tal-Kunsill Lokali Isla.

18.(1).2 Paġna 2 Minuta 17 (2).1 wara l-kliem " u l-Viċl Sindku Walter Ahar" jiżdied dan li ġej " u l-Kunsillier Reno Chircop".

18.(1).3 Paġna 3 Minuti 17(2).8 flok il-kliem "kienu mistiedna" tidħol il-kelma "attendew".

18.(1).4 Fuq proposta tal-Kunsillier Charmaine Gerada ssekondata mill-Kunsillier Reno Chircop il-Minuti ġew approvati nem con hekk kif emendati.

## 18(2) Kommunikazzjoni mis-Sindku

*18.(2).1 Ftehim ta' Xogħlijiet ta' Toroq ( 07 / 04 / 2003 )*

Is-Sindku Joseph Casha u s-Segretarju Eżekuttiv ma' attendewx għall-iffirmar ta' ftehim bejn il-Kunsill Lokali u d-Dipartiment tat-Toroq biex isir resurfacing ta' toroq fl-Isla.

Dan ma' seħħx minħabba li d-Dipartiment kien għadu ma' aċċettax il-proposta tal-Kunsill (ara Minuti 17/8) biex dan ix-xogħol jitwettaq fi żmien sentejn flok fi 8 xhur minħabba cash flow tal-Kunsill.

Wara kien hemm diversi kuntatti bejn is-Sindku u l-Perit Lino Zammit, Direttur tat-Toroq kien jidher li d-Dipartiment lest jikkunsidra l-proposti tal-Kunsill. Aktar tard kellu jsir fttehim apposta. (Ara ittra mehmuża)

*18.(2).2 Med Developers Designers & Consultants Ltd. ( 07 / 04 / 2003 )*

Saret laqgħa mal-Med Developers Designers & Consultants ltd dwar ħlasijiet pendenti li l-Kunsill ma' kienx qed jaqbel magħhom. Is-Sindku Joseph Casha, is-Segretarju Eżekuttiv kif ukoll is-Sur Anthony Bezzina minn Med Developers Designers & Consultants Ltd kien preżenti l-konsulent legali taż-żewġ partijiet.

Rigward il-ħlasijiet dovuti bħala Contract Management Fees għal xogħlijiet li saru għall-Iskola Primarja Dom Mauro Inguanez sar qbil li l-Kunsill jitlob il-ħlasijiet dovuti lid-Dipartiment ta' l-Edukazzjoni.

Skond dokumenti ppreżentati mill-Kunsill, il-ħlas dovut għal Contract Management fee dwar xogħlijiet imwettqa fi Triq il-Vitorja, ġie evalwat li huwa ta' Lm 1, 637.85ċ u mhux ta' Lm 4, 115.50ċ kif kienet it-talba ta' Med Developers Designers & Consultants Ltd.

L-għada ta' din il-laqgħa fit-8 ta' April 2003 l-konsulent legali ta' Med Developers Designers & Consultants Ltd ikkonferma mas-Segretarju Eżekuttiv li kienu qed jaċċettaw il-ħlas ta' Lm 1, 637.85ċ bħala ħlas finali għat-talba tagħhom fuq ix-xogħlijiet fi Triq il-Vitorja. (Ara Dokumenti mehmuża)

*18.(2).3 Kumitat għar-Rijabilitazzjoni tal-Kottonera ( 08 / 04 / 2003)*

Saret l-aħħar laqgħa ta' dan il-Kumitat qabel ġie xolt minħabba l-Elezzjoni Ġenerali li kellha ssir nhar is-Sibt 12 t'April 2003.

Is-Sindku waqt din il-laqgħa nsista li minħabba budget limitat ta' dan il-Kumitat ma' għandhomx jiġu aċċettati proġetti ġodda qabel dawk li hemm pendenti jkunu lesti.

Is-Sindku fakkar li għalkemm il-Kumitat kien qabel dwar talba tal-Kunsill dwar 8 fanali għal Pjazza J. B. Azzopardi il-Kunsill għadhu ma' kellhux tweġiba uffiċjali dwar dan.

*18.(2).4 MEPA - Skema ta' Gallarijiet (10 / 04 / 2003)*

Billi s-Sindku Joseph Casha huwa membru fuq il-panel, huwa ġie nfurmat li f'din il-ġurnata ser issir il-preżentazzjoni ta' "Letter of Intent" dwar l-iskema ta' sussidju ta' gallarijiet fil-lokal.

*18.(2).5 Tħejjija dwar l-Elezzjoni Ġenerali (11 / 04 / 2003)*

Saret laqgħa mas-Supretendent tad-Distrett is-Sur Lawrence Cutajar dwar l-arranġamenti li għandhom isiru fil-ġurnata ta' l-Elezzjoni Ġenerali. F'din il-laqgħa ġie mfisser l-andament ta' dawn il-proċeduri meħtieġa.

Il-Kunsill ġie mgħarraf li aktar tard is-Sindku se jagħmel laqgħa mar-rappreżentanti taż-żewġ partiti politiċi fil-Kunsill.

*18.(2).6 Brian Smith - Bliet Storiċi Ewropej (16 / 04 / 2003)*

Saret żjara fil-Kunsill mas-Sur Brian Smith, Segretarju Ġenerali ta' l-Assoċjazzjoni Bliet Storiċi Ewropej. Is-Sur Smith ġie mdawwar mal-lokal.

Wara saret diskussjoni fil-Kunsill Lokali tal-Birgu fejn kien hemm preżenti s-Sindki tal-Kottonera flimkien mas-Sindku u Viċi Sindku taż-Żejtun li huma rappreżentanti ta' Malta f'din l-assoċjazzjoni.

Ġew diskussi l-websites tal-Kunsilli, Newsletter n'appoġġ minn kull lokal u dwar is-Seminar li għandhu jsir flimkien mal-MEPA.

*18.(2).7 Main ta' l-Ilma fil-wiċċ ( 23/04/2003)*

Is-Sindku Joseph Casha kellhu diskussjoni ma' l-Engineer Stephen Galea St. John dwar il-problema ta' Triq San Pietru u San Pawl peress li l-mains ta' l-ilma għadhom fil-wiċċ.

Sar qbil li l-Kunsill jipproponi lill-Korporazzjoni għas-Servizzi ta' l-Ilma biex ix-xogħol meħtieġ jitwettaq mill-Kunsill u wara l-Kunsill jiġi kompensat mill-Korporazzjoni għas-Servizzi ta' l-Ilma bla spejjeż li jkunu saru mill-Kunsill.

Is-Sindku ġie nfurmat li x-xogħol ta' qlugħ ta' mains fi Triq San Ġużepp u Triq Iż-Żewġ Mini huma approvati mill-Korporazzjoni għas-Servizzi ta' l-Ilma u dalwaqt ikunu kkonfermati bil-miktub.

*18.(2).8 Malta Drydocks ( 23/04/03)*

Is-Sindku Joseph Casha kellu kuntatti mas-Sur Dennis Azzopardi tal-Malta Drydocks dwar l-andament ta' St. Michael's Press u għal tibdil li l-Kunsill jixtieq iwettaq taħt l-Arloġġ biswit l-Iskola Primarja. Huwa mportanti li jinsabu d-dokumenti mid-Dipartiment ta' l-Artijiet dwar iċ-ċens ta' St. Michael's Press.

*18.(2).9 Laqgħa mal-Perit tal-Kunsill ( 23 / 04 / 2003)*

Is-Sindku Joseph Casha kellu diskussjonijiet dwar (1) il-permess għall-applikazzjoni tal-play area fi Triq il-Ħabs l-Antik (2) x'hemm bżonn li jsir fi Triq il-Kappillan Franġisk Azzopardi (3) Parking fi Triq il-Miġja tal-Papa (4) Ramp curves li hemm fil-kantuniera ta' Triq il-Vitorja minħabba li dawn qed ikunu jiżolqu (5) it-tibdil li hemm bżonn li jsir fl-Uffiċċju f'Misraħ 4 ta' Settembru biex dan jinbidel f'Librerija Pubblika u Public Internet Access Point (6) u tħejjija ta' Tender Documents għal xogħlijiet fi Triq il-Vittmi tal-Gwerra, Triq il-Kurċifiss u Triq San Lawrenz.

*18.(2).10 Devoluzzjoni - Dawl fit-Toroq (24 / 04 / 2003)*

Saret laqgħa ta' l-Adjuticating Board fil-Kunsill Lokali ta' Ħal Tarxien fejn kien hemm preżenti l-Contract Manager u l-Kuntrattur.

Għandhu jintbagħat rapport li l-Kumitat Konġunt ħejja fuq dak li ġie diskuss.

Jidher li hemm problema minħabba li hemm nuqqas ta' stock ta' lampi u li l-anqas l-Enemalta għad ma' għandha.

*18.(2).11 Korrispondenza*

Kopja tal-Korrispondenza mibgħuta u riċevuta bejn is-7 sal-25 t'April 2003 ġiet ippreżentata waqt il-laqgħa tal-Kunsill.

*04/0534/03/I Bolla J. B. Azopardo*

Il-Kunsill qabel mal-proposta minn resident minn Birżebbuġa biex issir bolla barranija Bil-personaġġ Senglean J. B. Azopardi. Dan sejjer jiġi suġġerit lill-Gvern ta' l-Argentina.

*04/0541/03/I Tneħħija ta' Parking Space*

Il-Kunsill it-talba ta' Rita Knight ta' 109, Triq Iż-Żewġ Mini, biex jitneħħa l-parking space quddiem ir-residenza tagħha.

*04/0559/03/I Queen's Own Band Club*

Il-Kunsill laqa' t-talba ta' Queen's Own Band Club biex issir tombola fix-Xatt bejn it-12 ta' Ġunju u l-11 ta' Settembru, 2003.

*04/0565/03/I Użu ta' Fond Illegali*

Il-Kunsill irċieva lment minn Triq Sant'Ursula li xi persuni qedgħdin jagħmlu użu mingħajr permess f'post numru 15 fl-istess triq. Il-Kunsill sejjer jindaga mal-Joint Office.

*04/0581/03/I* *Antinjoli fix-Xatt*

Il-Kunsill qabel mal-proposta tal-Kunsill Parrokjali ta' l-Antinjoli jintramaw fix-Xatt żmien qabel il-Festa tal-Lokal.

*04/0586/03/I* *Antenna fuq il-Kampnar tal-Knisja ta' San Filippu*

Il-Kunsill ġie mgħarraf li l-applikazzjoni għal stallazzjoni ta' Antenna fuq il-Kampnar tal-Knsja ta' San Filippu ġiet rifjutata mill-MEPA.

*04/0605/03/I* *Estensjoni - Community Work Scheme*

Il-Kunsill approva li jestendi l-Kuntratt ta' Fortunato Mangion, Anthony Degiorgio, Felice Consiglio u John Cassar għal tlett xhur oħra taħt din l-iskema. L-Outlook Coop ġiet infurmata.

*04/0615/03/I* *Ċentru Marija Bambina*

Il-Kunsill ser jistħarreġ l-ilment imressaq mill-Arċipriet dwar blockage ta' drenaġġ ta' dan Iċ-Ċentru f'numru 24 Triq il-Vitorja.

Il-Kunsill sejjer jistħarreġ dan biex jara minn fejn ġej dan il-blockage.

*04/0625/03/I* *Skema ta' Saħħa - Kunsilli Lokali*

Il-Kunsill approa t-tiġdid u l-ħlas ta' din l-iskema skond Memo 19/2003 ta' l-Assoċjazzjoni Kunsilli Lokali. Il-premium huwa ta' Lm 20.50ċ għal kull persuna.

*04/0000/03/I* *Boroż ta' Skart Taħt Tieqa*

Il-Kunsill qed jistħarreġ l-ilment imressaq mis-Sur Stephen Attard dwar il-boroż ta' l-iskart li qed jitpoġġew taħt it-tieqa tiegħu fi Triq San Franġisk.

*04/0642/03/I* *Sponsorship - Jum l-Isla*

Il-Bank of Valletta approva sponsorship ta' Lm 40 għal attivita' għat-tfal ta' l-Iskola bħala parti mill-attivitajiet ta' Jum l-Isla.

*04/0647/03/I* *Assikurazzjoni dwar flus fil-Kunsilli*

Il-Kunsill approva li ssir assikurazzjoni dwar flus fil-Kunsilli Lokali. Dan qed isir skond l-arranġamenti u kundizzjonijiet espressi f'Memo 20/2003 ta' l-Assoċjazzjoni Kunsilli Lokali. Il-ħlas huwa ta' Lm 23.30ċ fis-sena.

*04/0664/03/I Stallazzjoni ta' Software fl-Uffiċċju tal-Kunsill*

Il-Kunsill approva l-istallazzjoni ta' Software tal-Customer Care/Trenching Permit System fuq PC ieħor flimkien ma' trasferiment ta' dan is-software fil-PC l-ġdid. Dan l-ammont huwa ta' Lm 215.40ċ (Kwotazzjoni Mehmuża).

*Stedina lill-Onor. Dolores Cristina*

## 18(3) Jum l-Isla

Ġie ppreżentat il-programm finali għall-attivitajiet. Dan ġie approvat kif ippreżentat.

Il-Maltacom plc sponsorjat 250 flokk għat-tfal ta' l-Iskola Primarja Dom Mauro Inguanez.

## 18(4) Triq San Pietru u san Pawl - Żonqor

Il-Korporazzjoni għas-Servizzi ta' l-Ilma lesta tikkunsidra kwotazzjoni minn kuntrattur rakkomandat mill-Kunsill Lokali biex jitwettqu s-servizzi ta' l-Ilma f'din it-triq u minħabba li f'din it-triq hemm ħafna żonqor.

## 18(5) Aċċess taħt l-Arloġġ

Minħabba talba ta' "Koperattiva ġdida tal-Kultura" qiegħed jinħass il-ħtieġa li jinfetaħ aċċess ġdid għal fuq is-Sur ta' San Mikiel.

18(5).1 Skond il-perit tal-Kunsill hemm bżonn ta' permess mill-MEPA b'kopja lill-Malta Drydocks.

18(5).2 Min-naħa tal-Malta Drydocks ma' hemmx oġġezzjoni. Il-Kunsill qabel li japplika biex isir dan l-aċċess.

## 18(6) Daħla ta' l-Isla

Il-Kunsill qed jaqbel li l-Ħadid li hemm fuq iċ-ċint li hemm fid-daħla ta' l-Isla quddiem il-Mina li ma' jgħaddix traffiku minnha jitneħħa. Dan il-ħadid jista jintuża biex tingħalaq il-play area fi Triq il-Vittmi tal-Gwerra.

18(6).1 Għandhu jsir tindif tal-ħaxix f'dan il-post.

## 18(7) Laqgħa Pubblika

Ġew imressqa suġġerimenti li tresssqu fl-Laqgħa Pubblika Annwali li ssaret fis-6 t'April 2003.

18(7).1 Il-Kunsill qabel li ssir plakka mal-bini ta' l-iskola Dom Mauro Inguanez biex tindika li taħt hemm il-pediment ta' parti mis-Sur ta' San Mikiel.

18(7).2 Biex jiġi ndikat min hu responsabbli ħalli jinfetħu underground vaults li hemm fi Triq D'Homedes.

18(7).3 Il-Kunsill għandhu jressaq rapport lil Malta Maritime Authority dwar dgħajjes tas-sajd sorġuti ħdejn il-Maċina u li qed joħolqu skart u nkonvenjent fuq il-moll.

18(7).4 Il-Kunsill sejjer jikkunsidra aktar tard bx il-kamra li hemm fi Ġnien il-Gardjola tinbidel fi kjosk jew bar għal min juża dan il-ġnien.

18(7).5 Id-dawl ta' zebra crossing fi Triq l-Arċisqof Mattei u quddiem il-MUSEUM kemm tal-bniet u tas-subien ser isiru skond il-budget tal-Kunsill (l-ispejjeż għal kull waħda jammontaw għal Lm 785).

18(7).6 It-Triq Dawret Ix-Xatt hija ndikata li ssir bħala parti mit-toroq li qed jiġu ffirmati taħt l-iskema ta' ftehim mad-Dipartiment tat-Toroq.

18(7).7 Il-Kunsill qabel li l-parking ta' quddiem il-Brigata li qed tiġi okkupata minn ħaddiema tat-Tarzna ssir parking għaċ-ċittadini tal-lokal (residents only)

18(7).8 Il-Kunsill qed jikkunsidra li l-quddiem waqt il-laqgħat pubbliċi tal-Kunsill ikun hemm tagħrif bl-Ingliż għar-residenti barranin li jkunu jridu jattendu.

18(7).9 Il-Kunsill ma' laqgħax is-ssuġġeriment biex issir grada fit-taraġ li jagħti għat-taraġ ta' l-imħażen li hemm fuq il-Brigata.

18(7).10 Il-Kunsill sejjer jistħarreġ jekk hemmx xi aċċess għal x'imkien taħt it-taraġ fi Triq is-Sur kantuniera ma' Triq il-Mina tax-Xatt.

## 18(8) Ilmenti mir-Residenti

Il-Kunsill inkariga lis-Sindku u lis-Segretarju Eżekuttiv biex jieħdu ħsieb jipproċessaw l-ilmenti kif ippreżentati (Paġna Nru 44 - 46) mehmuża ma' dawn il-Minuti.

Il-laqgħa tal-Kunsill ntemmet fis-7.30pm b'dan l-item fuq l-agenda.

Konfermati bħala konsistenti u korretti nhar ________________________________________

_______________________ _______________________

Joseph Casha
Sindku

Alphonse Zammit
Segretarju Eżekuttiv